MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 809/1977/1

**Carmela Buhagiar**

**vs**

**Golu Gauci**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi hija

proprjetarja ta' l-ghalqa imsejha "Ta' l-Imdawra", fil-kontrada ta' l-Imdawra, Burmarrad, hekk kif inhu muri fil-pjanta annessa markata Dok X u kif inhu deskritt fl-anness kuntratt atti Edwin Pantalleresco datat l-1 ta' Awissu, 1931, markat Dok Y, liema ghalqa hija kienet wirtet minn ghand missierha Luca Galea; illi l-konvenut minghajr il-kunsens ta' l-attrici ippussessa ruhu minn parti minn dina l-ghalqa b'mod illi huwa qed jirrifjuta li jitlaq l-ghalqa ghax jghid li hija tieghu; illi b'konsegwenza ta' kawza ohra quddiem dik il-Qorti fl-ismijiet *Golu Gauci vs Carmela Buhagiar* (differita ghad-19 ta' Ottubru, 1977) (Citazz. Nru. 438/77), dik il-Qorti pprefiggiet lill-attrici zmien ta' tletin (30) gurnata mit-23 ta' Gunju, 1977, biex taghmel dina l-kawza fejn tiddeduci l-pretensjoni taghha; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara illi l-attrici hija l-proprjetarja ta' l-ghalqa indikata fl-annessa pjanta Dok X; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha legali kontra l-konvenut, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali tat-11 ta' April, 1977, u tal-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet *Golu Gauci vs Carmela Buhagiar*; il-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
Illi d-domanda attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-art li l-attrici qed tirrivendika minghand l-eccipjent ma hijiex proprjetà taghha;

Salva kull eccezzjoni ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, 2001 illi permezz taghha l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat illi l-attrici hija proprjetarja ta' l-ghalqa indikata fil-pjanta annessa mac-citazzjoni bhala Dokument "X", bl-ispejjez kontra l-konvenut, u dana wara illi kkonsidrat hekk:

“Illi fl-ewwel lok ma jirrizultax illi l-Perit Tekniku pprezenta r-rapport tekniku tieghu minkejja n-nomina li kienet saret. Dwar dan però ebda parti jew difensur ma lmenta lanqas fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet li saru minnhom. Effettivament hekk kellu jkun ghax il-meritu principali jekk mhux uniku tal-kaz odjern jittratta materja prettament legali u mhux teknika. Dawn il-konsiderazzjonijiet kif ukoll in-natura intrinsika tal-prova maghmula permezz ta’ perizja u l-provvedimenti ta’ l-Artikoli tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li jittrattaw din il-materja fosthom l-Artikoli 670 u 681 iwasslu lill-Qorti biex tiddeciedi din il-kawza fuq il-provi migbura anke fin-nuqqas ta’ din il-prova. Ghall-korrettezza procedurali però anke f’dan l-istadju avvanzat tal-kawza l-Qorti qieghda tirrevoka l-inkarigu moghti lill-istess Perit Tekniku b’rizerva ghal xi drittijiet li jistghu, skond il-ligi, ikunu spettanti lilu.

“Fil-meritu l-Qorti thoss illi mid-dokumenti minnha prodotti u mix-xhieda mressqa l-attrici ppruvat it-titolu taghha fil-grad rikjest mil-ligi anke f’kawza ta’ din in-natura. Il-konvenut invece kien ghal kollox inkonsistenti fl-allegazzjonijiet minnu maghmula sew dwar l-akkwist ta’ l-art in kwistjoni sew fir-rigward tal-kirja favur tieghu ta’ l-istess art. Il-verzjoni infatti moghtija mill-konvenut ta’ kif akkwista l-art ma hiex kredibbli kif mhix kredibbli l-asserzjoni tieghu li giet mikrija lilu. Hekk, per ezempju, meta jghid illi missier in-Nutar Spiteri, Luigi Spiteri li kien Prokuratur kien irrikonoxxa l-assenjazzjoni tal-qbiela favur tieghu però huwa qatt ma kien hallas qbiela ghaliex fil-frattemp Luigi Spiteri miet u ibnu n-Nutar Spiteri qallu li missieru kien biss Prokuratur u illi ma kellux aktar konnessjoni ma’ l-art in kwistjoni. Dan kollu sar circa fl-1996. Il-Qorti allura ssaqsi ma messux il-konvenut iddepozita l-qbiela l-Qorti?”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi dina l-Qorti tilqa’ l-appell u, filwaqt li tirrevoka s-sentenza appellata, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attrici illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottmettiet illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi mhux facli illi jigu puntwalizzati l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, però, dawn l-aggravji jistghu jigu sintetizzati bil-mod segwenti:

1. Illi, peress illi l-kawza odjerna hija wahda petitorja, l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta ghamlet, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… paragun bejn il-provi li ressqet l-attrici u dawk li ressaq il-konvenut f'dak li hu l-ahjar prova tat-titolu", u dana ghaliex - dejjem fi kliem ir-rikors ta' appell - "… il-kwistjoni tirrizolvi ruhha f'zewg aspetti cioè in-natura tal-provi li tressqu mill-attrici biex issostni it-talba taghha ta' sid liema provi wahedhom iridu jwasslu lill-gudikant ghall-prova inkontestabbli tat-titolu pretiz, u subordinatament il-provi li ressaq il-konvenut biex jikkontrobatti dik it-talba. L-esponenti jissottometti illi l-provi ta' l-attrici ma jwasslux biex jippruvaw it-titolu taghha u inoltre il-provi li ressaq il-konvenut jitfghu dubbju serju fuq l-allegazzjonijiet attrici, dubbji li zgur ma jwasslux ghall-konvinciment li l-attrici ippruvat it-titolu taghha";

2. Ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell, "Il-Qorti ma ggustifikatx il-konkluzjoni taghha izda qalet biss illi l-attrici ippruvat it-talba taghha fil-grad rikjest mill-ligi minghajr ma elaborat aktar";

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-ewwel (1) aggravju, dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-ewwel Qorti zbaljat meta ghamlet paragun bejn il-provi mressqa mill-kontendenti. Infatti, minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta illi dik il-Qorti l-ewwel kkonkludiet illi l-attrici

rnexxilha tipprova sodisfacentement illi l-art in kontestazzjoni kienet taghha imbaghad - precizament kif issottometta illi kellu jsir l-appellant fl-aggravju tieghu in ezami kif hawn fuq riprodott - waslet ghall-konkluzjoni illi l-konvenut ma rnexxilux jirribatti a sodisfazzjon taghha l-provi prodotti mill-attrici. Kien f'dan il-kuntest illi l-ewwel Qorti ghamlet "paragun" bejn il-provi prodotti mill-kontendenti. Tajjeb illi jigi rilevat illi, nonostante l-kritika ta' l-appellant dwar il-"paragun" illi ghamlet l-ewwel Qorti, minn qari ta' dik il-parti tar-rikors ta' appell illi fiha l-appellant ghamel is-sottomissjonijiet tieghu dwar l-ewwel aggravju, l-istess appellant ghamel paragun bejn il-provi prodotti mill-attrici u dawk prodotti minnu;

Illi, dan stabbilit, fir-realtà, l-aggravju in ezami ta' l-appellant ma huwa xejn hlief enunzjazzjoni korretta ta' certi principji legali applikabbli ghall- kawza petitorja u <u>sottomissjoni illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti</u>. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti u hasbet fit-tul dwarhom, hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi prodotti u waslet ghall-konkluzjoni, ukoll korretta, illi l-attrici rnexxielha tipprova illi l-art in kontestazzjoni hija taghha;

Dina l-Qorti sejra issa taghmel is-segwenti osservazzjoni dwar punt sollevat mill-appellant fir-rikors ta' appell in sostenn ta' l-ewwel (1) aggravju tieghu:

Fit-tielet (3) pagina tar-rikors ta' appell il-konvenut jissottometti hekk:

"L-ewwel punt li qed jigi sollevat hu illi mill-atti tal-kawza l-attrici lanqas biss spjegat fuq liema parti ta' l-art ikkulurita minnha blu fuq il-pjanta 'X' [fol. 8] hemm il-kontestazzjoni u liema hi l-estensjoni ta' l-art li qed tirreklama u kwindi l-esponenti jissottometti illi ghal din ir-raguni biss l-azzjoni attrici lanqas tista' tirnexxi";

Dina s-sottomissjoni mhix valida ghaliex mill-atti processwali jirrizulta ampjament illi l-art in kontestazzjoni hija dik indikata bl-ittra "B" fuq l-imsemmija pjanta dokument "X";

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) aggravju ta' l-appellant jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ma immotivatx il-konkluzjoni taghha illi l-attrici rnexxielha tipprova illi l-art in kontestazzjoni hija proprjetà taghha. Tajjeb illi jinghad mill-ewwel, f'dan ir-rigward, illi, kieku l-appellant ghandu ragun, in-nuqqas ta' l-ewwel Qorti seta' jaghti lok ghal talba illi s-sentenza appellata tigi dikjarata nulla peress illi ma tissodisfax il-vot ta' l-Artikolu 218 tal-Kap. 12. Fil-fatt, però, fir-rikors ta' appell il-konvenut mhux qed jitlob illi s-sentenza appellata tigi dikjarata nulla u, konsegwentement, anqas biss hemm lok illi l-aggravju in ezami jigi trattat ulterjorment;

A skans ta' ekwivoci, però, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi, ghalkemm ma' l-ewwel daqqa ta' ghajn lejn is-sentenza appellata jista' jidher illi, <u>bhala fatt</u>, l-ilment ta' l-appellant huwa fondat, fir-realtà, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni konciza taghha illi "… mid-dokumenti minnha prodotti u mix-xhieda mressqa l-attrici ppruvat it-titolu taghha fil-grad rikjest mill-ligi anke f'kawza ta' din in-natura", wara illi aktar qabel fis-sentenza kienet analizzat il-provi prodotti. F'dan il-kuntest, dina l-Qorti trid taghmel enfasi fuq il-prova rizultanti mill-konfini ta' l-art illi akkwista l-konvenut appellant permezz tal-kuntratt (<u>esibit mill-attrici</u> u, ghalhekk, formanti parti mill-provi minnha prodotti) pubblikat fit-tnax (12) ta' Frar, 1973 (u mhux 1971, kif jinghad bi zball a pagna 12 tas-sentenza appellata) u illi kopja legali tieghu hija esibita u markata dokument "XYZ". Hemm qbil bejn il-kontendenti illi dina l-art illi akkwista l-konvenut hija dik markata bl-ittra "Z" fuq il-pjanta dokument "X". Fl-ahhar imsemmi kuntratt l-art "Z" jinghad illi hija konfinanti min-"nofsinhar ma' gid tal-werrieta ta' Luqa Galea" (l-awtur ta' l-attrici). Dina l-Qorti ma ghandha ebda dubbju illi dan il-"gid" huwa precizament l-art in kontestazzjoni, jigifieri dik markata bl-ittra "B" fuq il-pjanta dokument "X";

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------